## Piż

Kull prodott ta' l-ikel ippakkjat minn qabel jrid jkollu l-informazzjoni fuq il-piż nett ta' dak il-prodott.

## OGM (Organiżmu Ġenetikament Modifikat)

Prodotti tal-ikel li jkollhom xi ngredjenti OGM irid ikollhom dan l-avviż: 'Dan il-prodott fih ingredjenti Organiżmu Modifikat Ġenetikament'. Prodotti simili li jkunu għall-bejgħ bl-imnut irid ikollhom tabella ma' ġenb il-prodott. Dan apparti li dak l-OGM ikun approvat fl-Unjoni Ewropeja għall-dak l-użu.

## Indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa mogħtija

Kull avviż li prodott għandu ndikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa jrid ikollhom informazzjoni ċara dwarha. L-informazzjoni fuq in-nutrizzjoni trid tkun bil-valur skont il-piż (kull 100g) jew volum (kull 100ml) tal-prodott. Indikazzjonijiet dwar is-saħħa mogħtija jridu jkunu awtorizzati.


Typical Nutritional Information per 100g of product:

| | |
|---|---|
| Energy (kCal/kJ) | 729/3000 |
| Protein (g) | 0.8 |
| Carbohydrates (g) | 3.5 |
| Fat (g) | 79.1 |

Għall-aħjar għażla ta' prodotti tal-ikel tajbin għal saħħtek fittex l-għajnuna dwar tabelli nutrizzjonali billi takwista l-ktejjeb '*Read Food Labels for Healthier Choices*' mid-Direttorat għall-Promozzjoni tas-Saħħa u Prevenzjoni tal-Mard.



*Jekk ikollkom xi mistqosija jew bżonn ta' xi kjarifika jew tkunu tridu tagħmlu xi lment relatat, ċemplu lill-iSpettorat tas-Saħħa Ambjentali fi ħdan id-Direttorat għas-Saħħa Ambjentali fuq in-numru tat-telefon 21337333 bejn it 8 ta' fil-għodu u 3 ta' wara nofs in-nhar. L-uffiċċji jkunu miftuħin kuljum mit-Tnejn sal-Ġimgħa jew tibgħat imejl fuq mhi@gov.mt jew tirrikorru direttament fl-uffiċċji li qegħdin ġewwa 37/39, Rue d'Argens, L-Imsida.*

Materjal ippreparat minn
**Mr Hadrian Bonello, Dr Anthony Gatt, Mr Alistair Lowell, Mr Clive Tonna**
(*Food Safety Committee*)
Ħajr lil **Ms Elvie Debono u Mr Sandro Sammut**
Disinn ta' **Mr Stefan Attard**
Tpinġija ta' **Mr Carlos Magro**

SAĦĦTEK għal qalbna

FOOD SAFETY COMMISSION

Direttorat għas-Saħħa Ambjentali
37-39 Rue D'Argens, l-Imsida
Tel: 21 337 333, www.ehealth.gov.mt

Direttorat għall-Promozzjoni tas-Saħħa u Prevenzjoni tal-Mard
5B, The Emporium, Triq C. De Brocktorff, Msida MSD 1421 Malta.
Tel: 2326 6000, Fax: 2326 6104, www.ehealth.gov.mt

Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità

Ⓟ 2011

# Tikkettjar ta' Prodotti ta' l-Ikel

Food Safety Week 2011



## Introduzzjoni

*Dritt fundamentali tal-konsumatur huwa li jingħata nformazzjoni kompluta u eżatta fuq il-prodotti ta' l-ikel li jixtri. Dan id-dritt huwa mogħti mportanza kbira fejn jidħol l-ittikketjar u rreklamar tal-prodotti ta' l-ikel.*

## Informazzjoni qarrieqa

L-informazzjoni fuq it-tikketta m'għandiex tqarraq bil-konsumatur b'kwalunkwe mod. La fid-dettal li jinkiteb, la bil-mod kif jiġi ppreżentat u reklamat prodott ta' l-ikel u lanqas bil-mod ta' kif jiġi poġġut fuq l-ixkaffar. It-tikketti ta' l-ikel ma jistgħux jirreferu għat-trattament tal-mard biex iħajru l-konsumaturi.

## Il-Lingwa

B'eċċezjoni għall-formuli għal trabi, l-informazzjoni fuq il-prodotti ta' l-ikel trid tkun bil-Malti, jew bl-Ingliż jew bit-Taljan. Fil-każ ta' formuli għal trabi it-Taljan biss mhux aċċettat.

## L-isem tal-prodott

L-isem tal-prodott jagħti deskrizzjoni eżatta dwar in-natura tal-prodott; waqt li l-isem tad-ditta mhux obbligatorju.




## Il-lista tal-ingredjenti

Din il-lista trid tkun sħiħa kif ukoll f'ordni nieżel skond il-piż. Il-lista għandha tidher wara t-titolu 'Ingredjenti' u jridu jkunu mhux biss permessi fl-ikel, imma anke wkoll permessi f'dak it-tip ta' ikel. L-additivi m'għandhomx jaqbżu l-limiti skont il-liġi.

Il-kwantità ta' ċerti ngredjenti jew kategoriji ta' ngredjenti għandha tiġi mniżżla meta l-preżenza tagħhom hija msemmija fl-isem tal-prodott, jew enfasizzata anke bit-tpinġija jew stampi, jew tikkaratterizza dak il-prodott. Eżempju f'torta tal-laħam ippakkjata jrid ikollok l-persentaġġ ta' laħam f'dik it-torta.




## Id-data tad-durabilità

Id-data tad-durabilità minima jew, fil-każ ta' oġġetti ta' l-ikel li, mill-aspett mikrobijoloġiku, jmorru malajr ħafna, id-data 'uża sa' għandha tidher fuq it-tikketta. Id-data nnifisiha għandha tingħata bil-format li tingħaraf mill-konsumaturi Ewropej jiġifieri l-ġurnata, x-xahar u s-sena. Il-kelma 'Expiry Date' titqies bħala 'uża sa'. Prodotti tal-ikel li għandhom data 'L-Aħjar Qabel' tfisser li sa dik il-ġurnata il-prodott jkun żamm l-aqwa kwalità tiegħu.




## Numru tal-lott

Identifikazzjoni tan-numru tal-lott għandha tidher wara l-ittra 'L'; dan mhux applikabbli jekk id-data tad-durabilità hija kompluta bil-ġurnata, xahar u sena.

## Il-kontenut ta' l-alkoħol

Jekk il-kontenut ikun fih aktar minn 1.2% alkoħol l-ammont irid jidher fuq it-tikketta.

## Isem u indirizz tal-manifattur

L-isem u l-indirizz komplut ta' min immanifattura, jew ippakkja l-prodott irid jidher ukoll. Fil-każ ta' bejjiegħa stabbiliti fl-Unjoni Ewropeja, d-dettalji jistgħu jkunu tagħhom minflok dawk tal-manifattur jew pakkjatur.

## Allerġiji

Il-preżenza ta' ċertu ngredjenti bħall-bajd, krafes, mustarda, karawett jew lewż ieħor, ħalib, *gluten*, soja, ġunġlien, ħut u prodotti ġejjin mill-ħut jew frott tal-baħar eċċ. tirrikjedi illi jekk dawn it-tali ngredjenti ma jinstabux fil-lista tal-ingredjenti imma jista' jkun li jintsabu fi traċċi żgħar ġol-prodott, dawn iridu jiġu indikati. Eżempju 'Dan il-prodott jista' jkun fih traċċi ta' karawett'.




## Kundizzjonijiet ta' ħażna tal-ikel

Jekk ikun hemm bżonn, għandha tidher dikjarazzjoni bil-kundizzjoni għall-ħażna sew tal-prodott bħal per eżempju. 'La darba jinfetaħ żomm fil-friġġ', 'Żomm fil-friġġ' jew 'Żomm il-bogħod mix-xemx diretta'.




## Istruzzjonijiet dwar l-użu

Prodotti ta' l-ikel bħal ikel ikkonċentrat eż. sopop jeħtieġu li jkollhom informazzjoni dwar il-preparazzjoni.